MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2015

Numru. 828/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert A. Cini)**

**Vs**

**Alfred Grima**

**Kumpilazzjoni Numru: 828/2014**

**Illum, 9 ta' Marzu 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Grima detentur tal-karta ta'l-identita' 270060M talli:-

Fis-6 ta' Gunju 2014, gewwa r-residenza San Vincenz De Paule, Hal Luqa, Malta ghal habta ta' bejn 14:30hrs u 14:40 hrs ta fastidju lil Anne Butters u dan bi ksur tal-artiklu 251A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Fl-istess dati, hin u cirkostanzi talli kkaguna lil Anne Butters biza' li se tintuza' vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti u dan bi ksur tal-artikli 251B tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Fl-istess dati, hin u cirkostanzi ma halliex lil Anne Butters milli taghti t-tahrif jew provi mehtiega f'kawza civili jew kriminali, jew lil xi awtorita' kompetenti jew quddiemha u dan bi ksur tal-artiklu 111 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti ntlabet li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-artikli 49, 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Alfred Grima u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Fis-seduta tallum telghet tixhed il-parte civile Anne Butters li filwaqt li ddikjarat li m'ghax ghandha aktar interess li l-proceduri jitkomplew fil-konfront ta' Alfred Grima, hija ddikjarat ukoll li taghzel li ma tixhix sabiex ma tinkriminax ruhha.

Billi l-prosekuzzjoni ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi.

Illi mill-provi processwali l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ippruvati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------